**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-14 ta' Jannar 2016

Talba Numru: 607/2015

Numru fuq il-Lista: 3

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Debono Joeann K.I. 341777(M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2015, li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenuta il-ħlas tas-somma ta' sitt mija u disgħa u disgħin Ewro u disa' ċenteżmi (€699.09) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni ma' 79645364 AC40234221, inklużi l-ammonti dovuti bħala penali għat-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratt.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta. Ra illi l-konvenuta ma ppreżentatx risposta in

kontestazzjoni għall-istess talba iżda dehret għas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fil-11 ta' Diċembru 2015.

Ra illi fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2015, il-konvenuta Joeann Debono kkonfermat it-talba attriċi kif dedotta u kkonfermat li hija għandha tħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma sitt mija u disgħa u disgħin Ewro u disa' ċenteżmi (€699.09).

It-Tribunal spjega lill-konvenuta l-effett tal-ammissjoni tagħha u ddifferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

It-Tribunal ra illi l-partijiet qablu illi l-ħlas isir b'pagamenti rateali ta' ħamsin Ewro (€50) fix-xahar, u spjega lill-konvenuta li jekk hija taqbeż xi pagament, titlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

**Deċide**

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma sitt mija u disgħa u disgħin Ewro u disa' ċenteżmi (€699.09), bir-rata ta' ħamsin Ewro (€50) fix-xahar, bl-imgħax legali dekorribbli mit-3 ta' Settembru 2014, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 1791/14, sad-data tal-pagament effettiv. Jekk il-konvenuta taqbeż xi pagament, hija titlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċċjali ċċittata, huma a kariku tal-konvenuta.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur